**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum it-Tnejn, 18 ta' Lulju 2022**

Numru 1

**Rikors Nru. 29/2021**

**Avantgarde Projects Limited**

**vs**

**Inspirations Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni maghmul mis-socjeta attrici Avantgarde Projects Limited (ritrattandi) wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tas-27 ta' Ottubru 2021 li ikkonfermat il-lodo tas-7 ta' Ottubru 2019 fl-intier tieghu;

Rat ir-risposta ta' Inspirations Limited;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell li fuqha huma impernjati l-ilmenti tar-ritrattandi li tghid hekk:

Il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa l-aggravju ewlieni sollevat mis-socjetà appellanta, imma qabel taghmel dan, il-Qorti tiddikjara minn issa li l-asserzjoni tas-socjetà

appellata li appell ta' din ix-xorta jista' isir biss fuq punt ta' ligi, ghandha mill-frivolu ghaliex l-aggravju tas-socjetà appellanta huwa bbazat fuq il-fatt li t-Tribunal laqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-appellata, u ghalhekk l-aggravju huwa biss fuq punt ta' ligi. Naturalment biex jista' jigi kkonsidrat dan l-aggravju, il-Qorti taghmel riferiment ghall-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni bejn il-partijiet. Is-socjetà appellanta f'dan il-kaz qieghda tghid li hija hassitha aggravata ghaliex it-Tribunal iddecieda li t-talbiet taghha huma preskritti, filwaqt li hija qieghda ssostni li dan mhuwiex il-kaz ghaliex it-Tribunal naqas milli jikkonsidra zewg fatturi importanti, li ghandhom iwasslu ghall-konkluzjoni li s-socjetà appellata rrinunzjat ghall-preskrizzjoni, jigifieri l-hlas ta' parti mill-ammont pretiz da parti tas-socjetà appellata, kif ukoll it-trattattivi li saru bejn il-partijiet bejn l-2013 u l-2014. Il-Qorti sejra tikkonsidra dawn iz-zewg fatturi separatament, daqs li kieku nghataw f'zewg aggravji differenti:

*L-ewwel aggravju: [il-hlas li sar mis-socjetà appellata]*
Is-socjetà appellanta tghid li l-hlas li sar mis-socjetà appellata fil-15 ta' April, 2014 fl-ammont ta' €101,496.44 kien konness mal-ftehim ta' appalt, u kien parti minn kont akbar li s-socjetà appellata kellha thallas lis-socjetà appellanta. Tghid li dak iz-zmien hija kienet accettat dan il-hlas minghajr pregudizzju ghall-pretensjoni taghha li kien dovut lilha ammont akbar, ghalkemm is-socjetà appellata cahdet li hija kellha thallas xi ammonti ulterjuri. Is-socjetà appellanta hadet il-pozizzjoni li filwaqt li huwa minnu li l-partijiet qiesu li bejniethom kien hemm zewg kwistjonijiet, li wasslu ghal zewg proceduri arbitrali separati, l-imsemmi hlas ta lok ghar-rinunzja da parti tas-socjetà appellata tal-perijodu preskrittiv, jew almenu kellu jigi interpretat bhala att li jissospendi l-preskrizzjoni. Is-socjetà appellanta qalet li irrispettivament mill-fatt li hija accettat dan il-hlas minghajr pregudizzju, wiehed irid iqis li dan il-hlas kien jinkorpora varjazzjonijiet u modifiki li s-socjetà appellanta ghamlet fuq talba tas-socjetà appellata, xoghlijiet li gew certifikati mill-periti tal-progett, u danni sofferti mis-socjetà appellanta. Is-socjetà appellanta ghamlet riferiment ghal decizjoni tal-Qrati taghna fejn jinghad illi min jaccetta li jhallas somma reklamata kontra tieghu, wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni favur tieghu, jigi li rrinunzja ghall-preskrizzjoni akkwizita. Is-socjetà appellanta ssostni li anki l-fatt li l-kliem uzat fl-ircevuta iffirmata minn rapprezentant taghha, tghid li l-hlas gie accettat minghajr pregudizzju, m'ghandux jintuza mis-socjetà appellata bhala prova li hija ma riditx tirrikonoxxi l-kumplament tad-dejn, ghaliex din l-ircevuta giet iffirmata biss minn rapprezentant tal-appellanta, u ma kinitx dikjarazzjoni kongunta bejn il-partijiet. Is-socjetà appellanta qalet li r-raguni ewlenija ghalfejn is-socjetà appellata naqset milli thallas l-ammont kollu pretiz minnha, kienet ghaliex skont is-socjetà appellata kien hemm xi problemi fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet, u mhux ghaliex dawn l-ammonti ma kinux dovuta.

Min-naha taghha s-socjetà appellata hadet il-pozizzjoni li hija kienet dejjem disposta li thallas biss l-ammonti ccertifikati mill-periti, u mhux dak kollu pretiz mis-socjetà appellanta. Qalet li ghalhekk meta effettwat il-hlas li qieghed isir riferiment ghalih mis-socjetà appellanta, hija ghamlet dan ghaliex skont hi l-ammonti ulterjuri pretizi mis-socjetà appellanta mhumiex dovuti, u dan kien sahansitra specifikat b'termini cari fl-ircevuta ffirmata minn Joseph Vella, li kienet tghid li l-pozizzjoni tas-socjeta appellata kienet baqghet li l-ebda ammont iehor m'huwa dovut. Is-socjetà appellata sostniet li huma biss il-hlasijiet li jsiru akkont tal-bilanc dovut, li ghandhom jitqiesu li jinterrompu l-preskrizzjoni, u mhux kull hlas li jsir ghandu jitqies li jhalli dan l-effett. Is-socjetà appellata insistiet li l-ebda pagament li sar minnha fl-2014 ma sar akkont ta' xi ammonti dovuti minnha lis-socjetà appellanta, u l-ircevuta mahruga mis-socjetà appellanta stess tindika li ma kien hemm l-ebda ammont ulterjuri dovut minnha.

Hawn il-Qorti sejra taghmel riferiment ghal diversi decizjonijiet tal-Qrati taghna proprju dwar dan il-punt, jigifieri dwar jekk il-hlas jammontax ghal rinunzja jew ghal sospensjoni tal-preskrizzjoni. Qabel xejn il-Qorti tfakkar f'dak li jipprovdi l-artikolu 2134

tal-Kodici Civili, li jispecifika li l-preskrizzjoni tinkiser bi hlas akkont tad-dejn maghmul mid-debitur innifsu jew minn wiehed li jidher ghalih. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-gurisprudenza taghna hija konsistenti dwar il-punt li r-rinunzja ghall-preskrizzjoni trid tirrizulta minn atti jew fatti li ma jistghux jitfissru mod iehor hlief bhala rinunzja ghall-preskrizzjoni, imma fejn is-sitwazzjoni tkun wahda neboluza, il-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun kontra r-rinunzja u mhux favur.

34. Hekk perezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Austin Psaila *vs.* Lother Slabick** [App. Inf. 09/02.2005], il-Qorti spjegat illi biex ikun hemm ksur tal-preskrizzjoni jrid ikun hemm –

> *"... dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni tal-ezistenza tad-dritt, bhalma huma l-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont, l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts.*
>
> *Jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghall-fini tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjetà, tal-konsapevolezza, tal-inekwivocità, dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu fl-istess att;*
>
> *Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal, li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi* 'iuxta allegata et probata'. *Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz,* "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm kunflitt ta' provi, allura l-konsegwenza mhijiex dik li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-pozizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni (**Kollez. Vol. XXX P I p.989**)*." Ghaldaqstant dak li hu importanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu **(Kollez. Vol. XXXVIII P III p 723**).*"

Il-Qorti tqis li l-kliem tal-ligi huwa car bizzejjed, li huwa biss il-hlas akkont li jammonta ghal rinunzja tal-preskrizzjoni u mhux kwalsiasi hlas li jista' jsir mid-debitur. F'dan il-kaz il-Qorti tinsab konvinta li s-socjetà appellata bl-ebda mod ma implikat jew tat x'wiehed jifhem, li hija kienet qieghda taccetta li kien ghad baqa' xi forma ta' bilanc dovut minnha, meta ghamlet il-hlas tal-15 ta' April, 2014, anzi l-ircevuta ffirmata minn rapprezentant tas-socjetà appellanta stess huwa prova sufficjenti li s-socjetà appellata ma kienet qieghda taccetta li fadal l-ebda bilanc dovut minnha. Il-Qorti tqis illi l-provi li tressqu juru bl-aktar mod car li s-socjetà appellata ma kienet qieghda taghmel l-ebda hlas akkont meta ghamlet il-pagament tal-15 ta' April, 2014, anzi Christopher Grech fix-xhieda tieghu qal li dan il-hlas sar ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tas-socjetà appellanta. Ghalhekk ma jistax jinghad illi dan il-hlas kien jammonta ghal xi forma ta' rinunzja tal-preskrizzjoni da parti tas-socjetà appellata, ghaliex il-fatti juru mod iehor. Ghaldaqstant tqis li l-ewwel parti tal-aggravju tas-socjetà appellanta mhijiex misthoqqa u tichdu.

*It-tieni aggravju: [it-trattattivi li saru bejn il-partijiet bejn l-2013 u l-2014]*

Skont is-socjetà appellanta anki t-trattattivi li saru mill-partijiet dwar l-*additional claim* taghha, u li dwarha hija istitwiet dawn il-proceduri, ghandhom jitqiesu li taw lok ghal rinunzja tal-preskrizzjoni. Spjegat li t-Tribunal ma kienx korrett meta qal li ladarba dawn it-trattattivi ma mmaturawx fi ftehim bejn il-partijiet, dan ifisser li ma kienx hemm rinunzja ghall-preskrizzjoni da parti tas-socjetà appellata. Is-socjetà appellanta sahqet li ladarba is-socjetà appellata resqet biex tiddiskuti din l-*additional claim,* u anki mill-

mod kif gabet ruhha waqt dawn it-trattattivi, wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni li kien hemm rinunzja ghall-preskrizzjoni. Spjegat li l-partijiet kienu talbu lit-Tribunal fl-ewwel proceduri arbitrali sabiex joqghod lura milli jaghti l-*lodo* tieghu ghaliex kien ghad hemm il-possibilità li tizdied jew tigi modifikata t-talba tas-socjetà appellanta. Qalet ukoll li anki jekk finalment dawn it-trattattivi ma wasslu ghall-ebda ftehim dwar is-somma dovuta, u kien ghalhekk li kellhom jinbdew il-proceduri odjerni, it-Tribunal xorta wahda ma kellux jinjora dawn il-fatti. Is-socjetà appellanta qalet li kien in segwitu ghal dawn it-trattattivi li s-socjetà appellata ghamlet hlas tal-bilanc tal-kont tal-periti fl-2014, u l-imgiba tas-socjetà appellata tindika li hija ma kinitx qieghda taqbel mal-ammont kollu pretiz, u mhux li hija ma kellha thallas xejn lis-socjetà appellanta. Skont is-socjetà appellanta, din l-imgiba tas-socjetà appellata kienet tammonta ghal rinunzja tacita tal-preskrizzjoni.

Izda s-socjetà appellata sahqet li t-talbiet tas-socjetà appellanta tressqu fi stadju meta l-perijodu preskrittiv ta' sentejn kien digà ghadda. Qalet li hija fl-ebda waqt tat-trattattivi li saru bejn il-partijiet, ma rrikonoxxiet li hija debitrici tas-socjetà appellanta fl-ammonti mitluba, u ghalhekk fl-ebda waqt ma kien hemm rinunzja tal-preskrizzjoni. Is-socjetà appellata spjegat li bhala fatt, is-socjetà appellanta istitwiet proceduri arbitrali separati kontriha, u fi stadju meta l-provi f'dawk il-proceduri kienu nghalqu, is-socjetà appellanta talbet li tithalla tressaq *claim* addizzjonali, u talbet lit-Tribunal jghaddi ghal decizjoni arbitrali minkejja li dan ma kien sema' l-ebda provi dwar din il-*claim.* Qalet li kien ghalhekk li hija talbet informazzjoni dwar din il-*claim* addizzjonali, sabiex tevalwa jekk kienx jaghmel sens ghaliha li taccetta li tizdied din il-*claim* minghajr ma t-Tribunal jisma' provi dwarha. Qalet li ghalhekk it-trattattivi li qieghda taghmel riferiment ghalihom is-socjetà appellanta fir-rikors tal-appell taghha, ma kinux trattattivi dwar il-*quantum* dovut, izda kienu limitati sabiex jassistu lis-socjetà appellata tiehu decizjoni dwar jekk ghandhiex taccetta l-proposta tas-socjetà appellanta sabiex l-arbitragg ezistenti jigi estiz ghall-*claim* addizzjonali. Barra minn hekk, is-socjetà appellata qalet li dawn it-trattivi saru f'Mejju tal-2013, bil-hsieb li s-socjetà appellata tara jekk ghandhiex taccetta li l-*claim*, u ghalhekk il-perijodu preskrittiv ta' sentejn kien digà ghadda.

Il-Qorti tirrileva li meta saru dawn it-trattattivi, il-perijodu preskrittiv ta' sentejn kien digà ghadda, u ghalhekk jehtieg li ssir evalwazzjoni dwar jekk bl-imgiba taghha u bil-partecipazzjoni taghha f'dawn id-diskussjonijiet, is-socjetà appellata accettatx li tirrinunzja ghal kwalsiasi terminu preskrittiv li lahaq iddekorra. Hawn il-Qorti taghmel riferiment ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo u Maria Teresa konjugi Farrugia *vs.* Andre u Lucia Carbonaro** [App. Inf. 06.10.2004], fejn saru dawn l-osservazzjonijiet:

> *"3. Hekk* "ir-rinunzja tacita ghall-accettazzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tinghad hlief meta ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut ried hekk" *(**Kollez. Vol. XXIX P 1 p.326**). B'ezemplari ma tistax tikkonfigura r-rinunzja tacita bis-semplici inerzja tal-parti jew bl-accettazzjoni da parti tad-debitur li jiddiskuti l-meritu tal-pretiza jew it-trattattivi tendenti ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza. Dan ghaliex, kif rikonoxxut, it-trattattivi li jsiru bejn il-partijiet biex tigi esplorata l-possibilità ta' xi ftehim huma dejjem minghajr pregudizzju. Ara **Joseph Chircop et -vs- Salvatore Muscat noe**, Appell, 28 ta' April, 2000 u r-rassenja ta' decizjonijiet kompendjenti fiha.*
>
> *4. L-indagini dwar ir-rinunzja tacita timplika necessarjament apprezzament ta' fatt. Naturalment l-attur li jissollevaha jehtieglu jiddemostra mhux biss l-ezistenza ta' fatt inkompatibbli mal-volontà tad-debitur li jivvalora ruhhu mill-preskrizzjoni izda wkoll li l-fatt hu derivat minn att spontaneju tad-debitur tieghu (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 307**).*

*5. Certament, kif pacifikament akkolt, jitqiesu inkompatibbli mal-volontà li ssostni l-preskrizzjoni:-*

*(a) ir-rikonjizzjoni tad-debitu, li jista' jkun prezunt jew indirett, u dippju lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghall-kwantità kollha u jista' wkoll jirrigwarda kreditu illikwidu (**Kollez. Vol. XLIII p II p 744**). Dak li hu importanti hu li tali rikonoxximent ikun car u esplicitu (**Kollez. Vol. XXXVII p III p 723**);*

*(b) il-pagament akkont **(Kollez. Vol. XLIII p II p. 684; Vol. XXIX p I p 755**) jew il-weghda tal-hlas b'rati;*
*(c) Meta d-debitur jesprimi ruhhu fis-sens li m'ghandux jaghti daqs kemm gie mitlub jew ikun ivvanta l-kompensazzjoni **(Raymond Vella vs Moby Rentals Ltd**, Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001);*

*F'sitwazzjonijiet konsimili jitqies principju validu li ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni ghax ikun ifisser li b'att spontaneju tieghu ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza d-debitur ipoggi ruhhu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-pozizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni (**Kollez. Vol. XXXVII p I p 310**)."*

Il-Qorti tqis li sa mill-bidu tal-proceduri arbitrali, il-pozizzjoni tas-socjetà appellata kienet li hija ser thallas biss ghall-ammonti li l-periti tal-progett ikkonfermaw li huma dovuti, u ghall-ebda ammont ulterjuri. Mill-provi jirrizulta li l-partecipazzjoni tal-appellata fi trattattivi dwar jekk il-*claim* addizzjonali tas-socjetà appellanta setghux jiddahhlu mal-*claims* originali, kienet partecipazzjoni limitata sabiex tifhem ezattament x'kien li riedet taghmel s-socjetà appellanta, u mhux ghaliex kienet qieghda tipprospetta li ser ikollha taghmel xi hlas ulterjuri. Il-fatti juru li anki meta sar il-pagament tal-15 ta' April, 2014, is-socjetà appellata ghamlet il-hlas bl-intendiment li dan kien hlas ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tas-socjetà appellanta, u li l-ebda ammont ulterjuri ma kien dovut minnha. Ghaldaqstant certament li ma jistax jinghad li l-partecipazzjoni tas-socjetà appellata fit-trattattivi li kien hemm bejn il-partijiet b'xi mod jista' jitqies bhala rinunzja da parti taghha ghall-perijodu preskrittiv li lahaq iddekorra. Kif deciz fis-sentenza appena ccitata, il-partecipazzjoni fi trattattivi bhal dawn hija meqjusa bhala wahda li saret minghajr pregudizzju, u ghalhekk il-Qorti tqis li lanqas din il-parti tal-aggravju tal-appellanta m'hija misthoqqa, u tichadha

Decide
Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda tiddeciedi dwar l-appell tas-socjetà appellanta billi tichdu, filwaqt li tikkonferma d-decizjoni appellata fl-intier taghha.
Spejjez tal-proceduri arbitrali jibqghu kif decizi, filwaqt li l-ispejjez ta' dan l-appell huma a karigu tas-socjetà appellanta.

## Ikkunsidrat

L-ilment tar-ritrattand hu li bejn id-decizjoni mill-lodo tas-7 ta' Ottubru 2019 u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Ottubru 2021 ma setghetx taccessa dokumenti decizivi billi ma kellhiex mezz biex taghmel dan qabel dik id-data. Id-dokumenti huma korrispondenza digitali bejn il-kontendenti tramite d-difensuri taghhom li kieku setghu jigu esebiti kienu jgibu rizultat differenti.

## Artikolu 811(k) Kap. 12

Ir-ritrattand jikkontendi illi hemm lok ta' ritrattazzjoni a bazi tal-artikolu 811(k) tal-Kap. 12 li jghid li *wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghatx iggibu, qabel dik is-sentenza*.

Bhala tifsira ta' dak li jrid dan is-subartikolu l-Qorti ser tislet parti mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Carmela sive Carrie Micallef vs Alfred Mangion** (App 23/06/2006):

> Illi dwar il-kawzali li, wara li nghatat is-sentenza, nstab dokument deciziv (Art. 811(k)), ghandu jinghad li l-ligi tqieghed xi kundizzjonijiet qabel ma cirkostanza bhal din tista' twassal biex isir is-smigh mill-gdid ta' kawza li tkun ghaddiet f'gudikat. Il-ligi titkellem dwar dokument deciziv. Dan ifisser li mhux kull dokument li parti tista' tiskopri wara s-sentenza huwa bizzejjed biex iwassal ghas-smigh millgdid tal-kawza. Irid ikun dokument "deciziv", jigifieri dokument li s-sahha tieghu bhala prova tkun determinanti fuq il-qofol tal-kwestjoni li s-sentenza impunjata tkun stharrget. Imma mhux mehtieg li dak id-dokument ikun ta' siwi konklussiv ghall-kwestjoni (App. Civ. 5.4.1937 fil-kawza fl-ismijiet Galea vs Cuschieri, Kollez. Vol: XXIX.i.1468). Ifisser ukoll li ddokument irid ikun tali li jista' bil-ligi jitressaq bhala prova. Meta mbaghad id-dokument ikun jikkonsisti f'att nutarili pubbliku, it-tendenza hija li l-ezistenza tieghu hija mistennija li tkun maghrufa minn kulhadd u ghalhekk huwa difficli biex dokument bhal dan ikun raguni li twassal biex sentenza titwaqqa' (App. Kumm. 24.1.1997 fil-kawza fl-ismijiet Busuttil vs Gauci et, Kollez. Vol: LXXXI.ii.188);
>
> Illi minbarra dan kollu, l-ligi trid li l-parti li ssib dokument bhal dan ma kinitx taf bih sa qabel ma nghatat is-sentenza li hija trid twaqqa', jew, ghalkemm setghet tkun taf dwaru, ma setghetx, bil-mezzi li taghtiha l-ligi, tressqu fil-kawza qabel ma tkun lahqet inghatat is-sentenza . F'kaz bhal dan, il-ligi bhal donnha trid taghmilha cara li r-rikorrent f'din il-procedura jkun irid juri li ghamel kulma seta' fil-hila tieghu u fiz-zmien xieraq biex jew isib dak id-dokument jew li jressqu fl-atti. Dan jimplika mill-anqas l-uzu ta' ghaqal ta' missier tajjeb tal-familja fit-tmexxija ta' hwejgu (App. Civ. 28.2.1997 fil-kawza fl-ismijiet Vassallo vs Chetcuti et (Kollez.Vol: LXXXI.ii.417). Dan il-grad ta' ghaqal mehtieg ma jhallix lil dik il-parti li l-ewwel titghazzen jew tixxahhah milli taghmel hilitha biex tressaq il-provi kollha taghha, u mbaghad, wara li l-kawza tkun inqatghet, tibda thabrek biex issib ilprova eluziva li kienet tehtieg1 (App. Civ. 11.5.1936 fil-kawza fl-ismijiet Darmanin noe et vs Cordina et (Kollez. Vol: XXIX.i.645). Ghalhekk ukoll, iccirkostanzi tas-sejba ta' dokument li l-parti ritrattanda tghid li sabet wara l-ghoti tas-sentenza ghandhom ikunu mistharrga qabel ma titwaqqa' dik is-sentenza;

Il-Qorti ma taqbilx mar-ritrattand li r-raguni li qed jistrieh fuqha twassal ghal gustifikazzjoni li s-sentenza tal-ewwel Qorti titwarrab. Il-ligi titkellem dwar

impossibilita legali biex tressaq dokument quddiem il-Qorti mhux impossibilita ta' fatt li taghmel hekk. Jekk ir-ritrattand kellu xi impediment elettroniku l-Qorti tqisha improbabbli li kellha iddum dan iz-zmien kollu biex jirnexxilha tipprova tirrintraccjahom kif fil-fatt jidher li ghamlet. Ghalhekk ma tirrizultax l-impossibilita ta' access kif ipprovat tghid ir-ritrattandi ghax irnexxilha taccessahom.

In oltre s-socjeta ritrattandi li kienet taf bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni quddiem l-arbitru u anki jekk ippruvat bla success tipprezenta kopja tal-iskambju bl-email li ovvjament kienet taf bihom ghax indirizzati lilha jew id-difensur taghha, setghet mhux biss tirrilevaha fil-proceduri tal-arbitragg imma tressaq provi ohra li jixhdu ghal kontenut tal-istess dokumenti. Dan ma ghamlitux fl-istadju tal-arbitragg.

Ma saret ebda prova mir-ritrattand li uza l-hila tieghu fi zmien propizju biex tapprova taccessa d-dokumenti kif qalet il-Qorti fil-kawza **Giuseppe Darmanin noe et vs Virginia Cordina et** (App 11/05/1936, Vol XXIX pI p645):

> Min jitlob ir-ritrattazzjoni ghall-motiv li jkun sab xi dokument deciziv wara s-sentenza jehtieg li jipprova, mhux biss li hu ma kienx jaf bl-ezistenza ta' dak id-dokument, imma wkoll illi huwa uza l-hila tieghu kollha, jew ghal lanqas id-diligenza ta' *bonus pater familias* biex isir jaf bih, isibu u jgibu 'l quddiem meta kien imissu, inkella r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni ma jigix moghti.

**Decide**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tas-socjeta ritrattandi ghat-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismiijiet premessi tas-27 ta' Ottubru 2021, bl-ispejjez ghas-socjeta ritrattandi.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur